12 ta' Mejju, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Stanley Chapman et. *versus* Antonia Mizzi

**Appell — Sentenza — Sospensjoni ta' l-Eżekuzzjoni — Art. 264, 267 u 268 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Ir-regola ġenerali hija illi l-appell ma jissospendix l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata, ħlief fil-każi maħsuba mil-liġi, fejn il-leġislatur wera illi, barra minn fil-każi ta' sentenza ordinanti l-arrest personali, il-kriterju għall-akkoljiment jew le tat-talba għas-sospensjoni għandu jkun dak tal-preġudizzju akbar li jsofri d-debitur jekk is-sentenza tiġi eżegwita milli jsofri l-kreditur jekk dik l-eżekuzzjoni tiġi sospiża.*

*Imma l-leġislatur ħalla wkoll fid-diskrezzjoni tal-Qorti, f'każijiet oħra, li takkorda jew le dik is-sospensjoni, jekk ikun hemm raġuni tajba biex dik it-talba tiġi milqugħa.*

*Fil-każ preżenti, fejn is-sentenza appellata kienet ordnat lill-konvenuti li jirrestitwixxu tarbija illeġittima lil ommha, avvolja din kienet tatħielhom biex irabbuha, il-Qorti, wara li kienet soddisfatta illi l-konvenuti appellanti taw kawżjoni suffiċjenti għall-finijiet ta' l-appell, żammet li kien hemm kawża ġusta biex takkorda s-sospensjoni mitluba, u akkordat dik is-sospensjoni.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi b'sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fil-kawża fl-ismijiet inversi fid-9 ta' Mejju 1950, l-atturi ġew kundannati biex fi żmien 24 siegħa jikkunsinnaw lill-konvenuta t-tifla Teresa Mizzi, u fin-nuqqas l-istess Antonia Mizzi ġiet awtorizzata li tipproċedi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija billi tinqeda mill-assistenza ta' Marixxall, li fin-nuqqas imsemmi ġie awtorizzat li, per mezz tal-mezzi li tagħtih il-liġi, jieħu mill-poter ta' l-atturi l-istess Teresa Mizzi u jikkonsenjaha lill-istess Antonia

Mizzi; u peress illi l-atturi ħassew ruħhom aggravati mill-istess sentenza, u qegħdin kontestwalment jinterponu appell minna; u peress illi l-atturi qegħdin jagħtu garanzija fil-persona ta' John Fiorentino biex jagħmlu tajjeb għall-konvenuta illi s-sentenza li tiġi eventwalment mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tiġi eżegwita (dok. A); u peress illi, jekk l-imsemmija sentenza tiġi eżegwita, tista' tkun ta' ħsara iżjed lill-istess atturi milli t-twaqqif tagħha lill-istess konvenuta; jiġi minn dina l-Qorti ordnat it-twaqqif ta' l-imsemmija sentenza mogħtija fid-9 ta' Mejju 1950, fil-kawża fl-ismijiet "Antonia Mizzi vs. Stanley Chapman u Mildred Chapman", għar-raġunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat ir-rikors l-ieħor ta' l-atturi tal-10 ta' Mejju 1950, għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza u d-digriet ta' dina l-Qorti tal-11 ta' Mejju 1950, fejn intqal li s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni hemm mitluba sejra tkun pruvata f'dina s-sentenza, jekk hemm bżonn;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-attijiet tal-kawża u s-sentenza li għaliha saret espressa riferenza fil-premessi taċ-ċitazzjoni jidher li l-atturi ġew kundannati..............;

Illi minn dina s-sentenza l-atturi ħassew ruħhom aggravati u interponew appell; u għall-fini tas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ġew 'il quddiem bil-kawża odjerna, wara li ġiebu l-garanzija Dok. A hawn imsemmija, u wara li qalu li huma sejrin jippruvaw li jekk dik is-sentenza tiġi eżegwita, l-eżekuzzjoni tagħha sejra tkun aktar ta' ħsara lilhom milli n-non-eżekuzzjoni lill-konvenuta;

Tikkunsidra;

Illi ma hemmx kwistjoni li l-oġġett tal-kawża li fuqu qamet kwistjoni hija r-restituzzjoni tat-tifla msemmija, u l-kundanna ta' l-atturi li jinstabu f'din l-kawża hija ta' natura ta' prestazzjoni ta' fatt personali, li per sè jillimita u jirrestrinġi l-volontà ta' ħadd ieħor, b'mod li l-eżekuzzjoni tiegħu tista' ssir anki b'mezzi koerċitivi; u dawna l-mezzi huma ċertament il-komplement tad-dritt protett mil-liġi, l-għaliex l-istess leġittimazzjoni tad-dritt kontestat, bla ma jkunu mogħ-

tija lil-persuna intitolata għalih il-mezzi biex dik tikkonsegwih, ikun indubbjament illużorju, kif tkun assurdità kieku ma jkunx hemm l-assigurazzjoni ta' l-osservanza u l-invjolabilità ta' l-ordnijiet li jingħataw mill-ġustizzja rigwardanti l-persuni, u li bihom ikunu ġew limitati jew li jikkostrinġu addirittura l-volontà kuntrarja (ara Zachariae, Vol. III, §549, Edizzjoni belga, u Demolombe, Kumment għall-art. 2053 u 2064 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, u l-awturi Taljani li jitkellmu fuq l-art. 576 tal-Proċedura Ċivili Taljana, li kollha huma ta' l-istess fehma fuq in-neċessità ta' l-ordni koattiv). Dawna l-mezzi koattivi komplementari tad-dritt, li għandhom ikunu mitluba bil-mezz kontenzjus, huma differenti minn dawk diretti kontemplati u maħsuba fl-art. 155 u ta' wara tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistgħu jiġu ċertuni mitluba amministrativament lill-forza publika, u oħrajn lill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja;

Tikkunsidra;

Illi, premess dan li ntqal fuq, jingħad dwar it-talba odjerna li skond il-liġi r-regola ġenerali hija li l-appell ma jissospendix l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata, ħlief fil-każi maħsuba mill-art. 264 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta, li mhux applikabili għall-każ in diżamina, u fil-każijiet l-oħra kollha li jidħlu taħt dak li huwa maħsub fl-art. 267 u 268 ta' l-istess Kodiċi fuq imsemmi. Middiċitura ta' dawk l-artikoli in ġenerali jista' jingħad li l-leġislatur wera li huwa kellu f'rasu għall-akkoljiment ta' dik issetgħa ta' l-Ewwel Qorti l-preġudizzju derivanti skond il-każ mill-eżekuzzjoni jew in-non-eżekuzzjoni fuq konsiderazzjonijiet tant ta' indoli personali għar-rikjedenti u tal-kreditur, kemm materjali għall-istess kreditur; b'dana però li fil-każ ta' sentenza ordinanti l-arrest personali ta' debitur huwa, dwar l-indoli u n-natura personali tal-konsiderazzjonijiet tiegħu, wera preferenza favur il-persuna tad-debitur, naturalment sabiex jikkonferma s-sentiment umanitarju u jillegalizza dak l-istess sentiment ġenerali ta' l-assoċjati fil-konfronti ta' dawk id-debituri li jistgħu jkunu waqgħu f'dawk l-evenjenzi minħabba f'kontinġenzi tal-ħajja, numerużi u varjanti ħafna; imma prinċipalment minħabba l-odjożità tar-restrizzjoni tal-libertà personali tal-konsoċjati;

Illi dik is-setgħa ta' l-Ewwel Qorti hija però assoġġettata għal kondizzjonijiet kumulativi, barra mill-każ ta' l-eżekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest personali, skond dak li hemm maħsub taħt l-ittra (a) u (b) ta' l-art. 267, jew għal ġusta kawża kontenuta fid-dispożizzjoni ġenerali u fakoltativa tad-dispost 268 ta' l-istess Kodiċi. Fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, però, dawn iż-żewġ testi tal-liġi, barra mill-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' arrest personali, ma humiex "preċettivi", iżda "fakoltativi", u huma konsoni għall-karattru ta' urġenza li għalih is-sospensjoni hija ekwivalenti għall-ġustizzja imperfetta li hija *improntata* f'ċerti affarijiet u fl-iżvarjati fiżonomiji tal-kawżi, li ma jistgħux "a priori" jiġu kwalifikati;

Illi għall-finijiet tas-sospensjoni ta' sentenza fuq talba tad-debitur appellanti l-leġislatur fl-ipotesi ta' l-art. 267 ried li jassikura l-adempiment tal-ġudikat futur b'garanzija tajba dwar l-oġġett in lite bir-rifużjoni ta' l-"id quod interest" fil-każ ta' danni kolpużi u negliġenti dwar *ċerti oġġetti speċifiċi*, u ta' l-imgħax meta l-oġġett ikun il-ħlas ta' flus, u fl-istess ħin ried prova li turi għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-eżekuzzjoni tas-sentenza tista' tkun iżjed ta' ħsara lid-debitur milli s-sospensjoni lill-kreditur, mentri fl-ipotesi ta' l-art. 268 huwa biżżejjed li jkun hemm raġuni tajba biex tiġi ordnata s-sospensjoni;

Illi fil-każ in kwistjoni n-nuqqas tal-kunsinna tat-tifla lill-konvenuta per sè mhux fatt li jista' jkollu dannu patrimonjali, l-għaliex il-ħsara li tista' ssofri l-konvenuta b'dak in-nuqqas ta' kunsinna hija ħsara non-patrimonjali; u l-istess ħaġa jingħad għan-natura tal-ħsara li jistgħu jsofru l-atturi tal-lum bil-kunsinna. Infatti l-pussess tat-tifla in kwistjoni huwa radikat fl-affezzjoni li l-kontendenti varjament iħossu għaliha. Dana s-sentiment tal-kontendenti jvarja, l-għaliex, jekk qatt jista' jiġi miżurat materjalment, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti għandu normalment jinstab f'miżura aqwa fil-konvenuta odjerna milli fl-atturi; l-għaliex il-vinkolu tad-demm hu aktar qawwi minn dak tal-familjarità ma' persuna u mill-ħsieb affettiv tas-sostituzzjoni għal dak li n-natura sfortunatament ma tatx lill-attriċi, li huwa radikat biss f'egojiżmu li jista' jkun ġustifikat. Mill-banda l-oħra jingħad li l-konve-

nuta tal-lum isseparat ruħha minn bintha volontarjament, u mhux bi vjolenza eżerċitata mill-atturi; baqgħet mingħajr il-kompannija, u għadha ma tatx il-kuri materni lil dik l-istess tifla sa ma sar l-aħħar proċess; u kif qagħdet mingħajrha sażżmien preżenti, tista' tistenna daqsxejn oħra sa ma tkun riżoluta definitivament il-kawża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell; l-għaliex jekk dina l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tordna l-eżekuzzjoni tal-prestazzjoni tal-fatt personali billi tiċħad it-talba odjerna, tkun qiegħda preventivament sostanzjalment tikkonferma dik id-deċiżjoni "pendente appellatione"; u għar-raġuni wkoll li jekk, f'pessimu event, dik l-istess sentenza tiġi revokata mill-Qorti Superjuri fuq imsemmija, wara li dina l-Qorti tkun irrespingiet is-sospensjoni u impliċitament tat lok għall-konsenja immedjata, allura jkollu ta' bilfors ikun hemm kambjament ta' kura u traslok tat-tifla in kwistjoni mill-ġdid wara d-deċiżjoni ta' dik l-Onorabbli Qorti Superjuri, b'ħafna tweġġiħ ta' qalb li l-istat ta' l-affarijiet attwali, jekk jibqa' provviżorjament immutat u mantenut, jista' jevita lill-kontendenti — u dana apparti l-konsiderazzjoni illi li "status quo", ma hemmx bżonn jingħad, dwar is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza, fil-fatt mhux ċertament ekwivalenti u lanqas jimporta indubbjament ir-revoka jew ir-riforma tas-sentenza appellata;

Illi darba li ġiet pruvata l-idoneità tal-garanti miġjub, u salv dak li sejra tordna dina l-Qorti għall-adempiment tal-futur ġudikat tal-Qorti ta' l-Appell fuq il-konsiderandi fuq imsemmija, dina l-Qorti tħoss li għandha, minħabba f'ġusta kawża, tuża mill-fakoltà lilha mogħtija sabiex tordna s-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza "de quo dicimus";

Illi però, dina l-Qorti tħoss li t-tifla għandha tkun taħt il-kura diretta ta' l-istess garanti bil-kondizzjoni msemmija fil-Kap. 28 ta'-Liġijiet ta' Malta flok l-atturi, salvo li l-atturi jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li jkollha bżonn, li fil-każ ta' deċiżjoni avversa għall-atturi mill-Qorti Superjuri kompetenti l-istess garanti jkun jista' flimkien ma' l-atturi jadempixxi dak il-ġudikat skond il-garanzija solidalment assunta;

Illi dwar l-ispejjeż jingħad li l-istess għandhom imorru kollha għall-atturi, li fil-każ li joħorġu vittorjużi quddiem il-

Qorti Superjuri jkollhom id-dritt ta' rivalsa għalihom minn għand il-konvenuta;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi *billi tilqa' t-talba attriċi* għas-sospensjoni tas-sentenza msemmija, bl-ordni lill-garanti fuq imsemmi dwar il-kura tat-tifla u salv ukoll dak li ntqal dwar l-ispejjeż neċessarji għall-kura tagħha; u b'dana l-mod tiddisponi anki mir-rikors tal-10 ta' Mejju 1950 fuq imsemmi wkoll; u bil-fehma li jekk l-atturi ma jikkunsinjawx lit-tifla immedjatament il-lum lill-garanti, tiċħad it-talba għas-spejjeż tagħhom finalment;

L-ispejjeż kif fuq ġew deċiżi fil-każ li ssir il-konsenja l-lum.